MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Numru. 459/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur  Antonello Grech)**

**V**

**JENNY CEFAI mart Pascualino bint Anthony Bajada u Mary Jane nee' Azzopardi, imwielda fis-sittax ta' Frar, 1982 u residenti 24, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 8482(G).**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JENNY CEFAI**l mart Pascualino bint Anthony Bajada u Mary Jane nee' Azzopardi, imwielda fis-sittax ta' Frar, 1982 u residenti 24, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita

numru 8482G giet mressqa quddiemha u akkuzata talli nhar il-erbgha [4] ta' Lulju, 2004 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghaxija, waqt li kienet fi Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex;

1. Saqet il-vettura Numru JEN 216 matul l-istess triq b'sewqan b'manjiera perikoluza;

2. b'sewqan b'manjiera traskurata;

3. aktar talli fl-istess data, hin u lok volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika;

4. aktar talli verbalment hedded u nsulentat lil Rita Portelli miz-Zebbug, Ghawdex.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 Kap 9.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Tdddy Cefai, lil Francois Saliba u lil Alfred Cefai, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju w x-xhieda tad-difiza u cioe lil Pascualino Cefai.

**Il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1)(2), 15(1)(A) tal-Kap 65 u l-artikoli 338(dd) u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **peress li mill-provi prodotti l-akkuzi ma jirrizultawx ippruvati, tiddikjara li ma ssibx lil imputata JENNY CEFAI hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------